MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 6/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Namake Noumo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Namake Noumo ta' 23 sena, iben Basara u Teneba nee Keita, imwieled il-Mali fl-1/01/1991,

residenti 67 Rina Flt 4 Triq Ic-Cervjola, Marsaskala detentur tal-karta tal-identita bin-numru 52563A u li ġie mixli talli fit-2 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, ċjoé passaport tal-Italja, innumerat 085784, maħruġ f'isem Diarra Sita, li ttrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra u ċioe fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel (Artikolu 3 tal-Kapitolu 61tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, ċioé dak diġa imsemmi (Artikolu 4 tal-Kapitolu 61tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lil-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 14 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dottor Christopher Chircop, għażel li ma jweġibx għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le u f'dan l-isfond il-Qorti qieset li r-rispost tiegħu kienet li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li matul is-seduta sussegwenti tal-15 ta' Jannar 2015 il-Qorti bdiet tisma' l-provi f'dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 l-imputat, debitament assistit din id-darba mill-Avukat Dottor Jason Grima l-imputat tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi

jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

L-Uffiċjal Prosekutur tenna li f'dan il-każ l-imputat kien immigrant ta' Malta li kien telaq lejn l-Italja. Għamel xi żmien hemm u ddeċieda li ried jirritorna lura Malta. Biex għamel dan, peress li ma kellux dokument li bih setgħa jsiefer mill-Italja ra kif akkwista dokument validu ta' persuna oħra u rħielha lejn Malta. Għalkemm id-dokumenti li kellu fil-pussess tiegħu kien awtentiċi, huwa għamel użu minn dokument li kien jappartjeni lil persuna oħra u mhux lilu. B'hekk ġie li kiser il-Liġi. Għal dan il-fatt, l-Uffiċjal Prosekutur tenna li l-Qorti kellha timponi piena karċerarja effettiva li tkun qrib is-sitt xhur priġunerija, in linea ma sentenzi oħra ta' dawn il-Qrati f'każijiet analogi.

L-Avukat Difensur saħaq li l-unika ħtija tal-imputat kienet li xtaq jirritorna lura Malta biex ikun jista jaħdem. Huwa ried li joqgħod f'Malta għaliex kien isib ruħu aħjar hawnhekk milli fl-Italja. B'hekk fix-xewqa tiegħu li jiġi lura Malta huwa għażel li juża d-dokument de quo. L-Avukat Difensur tenna li din il-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-aspett uman tal-każ u li f'każijiet preċedenti, din il-Qorti, anke kif komposta, kienet fil-każ "Il-Pulizija vs Abas Ali Hanishi" deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2014 iddeċidiet li timponi sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. Id-Difiża ċċitat ukoll sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta li fihom l-istess Qorti kienet imponiet pieni simili.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata da parti tal-imputat għall-imputazzjonijiet kontestati, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu.

Il-Qorti qieset is-sottomissjoni tad-Difiża fis-sens li din il-Qorti, anke kif presjeduta kienet imponiet sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża. Il-Qorti tirrimarka li kull każ irid jittieħed fil-meritu tiegħu. Hekk per eżempju fil-każ ċitat mill-abbli Avukat Difensur il-Prosekuzzjoni addebitat lill-ħati f'dak il-każ żewġt imputazzjonijiet u mhux tlieta. Oltre minn hekk f'dak il-każ, għalkemm il-ħati ma kienx ammetta mal-

ewwel seduta, l-ammissjoni tiegħu saret fit-tieni udjenza u ma nstemgħux provi. Fil-każ in eżami ma jistax l-imputat jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena minħabba ammissjoni bikrija.

Inoltre f'dak il-każ il-ħati kien għadu ma rnexxiex fl-intent tiegħu li joħroġ barra minn Malta iżda kien ġie maqbud fl-ajruport mentri f'dan il-każ l-imputat l-imputat irnexxielu li jwettaq il-ħsieb tiegħu b'suċċess bl-użu tad-dokument de quo u tad-dikjarazzjonijiet foloz li għamel tant li wasal Malta bid-dokument in kwistjoni. Inoltre l-Prosekuzzjoni fil-każ Hanishi ma kienetx qed tisħaq fuq piena karċerarja effettiva, a differenza ta' dan il-każ.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dawn it-tip ta' reati qegħdin isiru dejjem aktar komuni u ma tistax tinjora l-fatt li f'dan il-każ, l-imputat kellu diġa esperjenza preċedenti –

(a) meta kien daħal Malta l-ewwel darba;
(b) b'xi mod ħareġ minn Malta u mar l-Italja (b'mod li l-Qorti mhix ser tidħol dwaru għax sajma mill-informazzjoni dwaru);
(c) u wara xi snin issa għażel li jirritorna lura Malta, bi ksur tal-Liġijiet ta' dan il-pajjiż, minħabba li ma kellux dokumenti regolari maħruġa f'ismu li bihom setgħa jivjaġġja l-barra minn u lejn Malta u għalhekk irrikorra għall-użu ta' dokument maħruġ f'isem

persuna oħra u għall-għoti t'informazzjoni u dikjarazzjonijiet foloz.

Għalkemm il-Qorti tifhem ir-raġunijiet miġjuba mill-Avukat Difensur, ma tistax tagħlaq għajnejha għal dawn il-fatti. Kulħadd għandu jagħraf li f'Malta irid li jirrenja l-Istat tad-Dritt u mhux isaltan ir-Renju tal-Kaos fejn kull individwu iwettaq dak li jiġih f'moħħu jgħidu x'jgħidu l-Liġijiet ta' dan il-Pajjiż.

Il-Liġi Maltija hija ċara - **ħadd, irrispettivament min hu u minn fejn ġej** - ma jista, kontra l-Liġi tal-Immigrazzjoni, jagħti jew iġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz – jew kontra l-Ordinanza dwar il-Passaporti jirċievi passaport li jiġi trasferit lilu minn persuna oħra jew jagħmel użu jew jittanta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra. Min jagħmel dawn l-atti (u f'dan il-każ l-imputat ammetta għal kollox), ikollu jġorr il-konsegwenzi t'egħmilu u jinkorri fis-sanzjoni tal-Liġi Kriminali. Jekk ma jkunx hekk dawn il-Qrati jkunu qed jippermettu li jsaltan ir-Renju tal-Kaos u mhux ir-Renju tad-Dritt.

***Deċide : -***

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ssib lill-imputat **Namake Noumo,** fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu tikkundannah għall-piena ta' **erba' xhur priġunerija**.

**Mogħtija illum is-6 ta' Frar 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------